Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

2025/2166(INI)

10.11.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri,

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2025
(2025/2166(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Lina Gálvez

PA_NonLeg

EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri jippreżenta lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra ***l-Artikolu*** 17 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,	– wara li kkunsidra ***l-Artikoli 8, 10,*** 17 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti adottata fil-25 ta' Settembru 2015, b'mod partikolari l-għanijiet 1, 3, 4, 5, 8, 10 u 16 tagħha,

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2025 dwar l-implimentazzjoni u t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fid-dawl tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli 2025[1a],
	Testi adottati, P10_TA(2025)0159.

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tan-NU: Women's Rights in Review 30 Years After Beijing (id-Drittijiet tan-Nisa f'rieżami 30 sena wara Beijing),

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' April 2024 dwar l-inklużjoni tad-dritt għall-abort fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE[1a], ***[1a] C/2025/1279, 13.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1279/oj.***

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tan-NU bit-titolu "Progress on the Sustainable Development Goals: The Gender Snapshot 2025" (Il-progress dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli: ħarsa lejn il-ġeneru 2025),

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 18f (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (UN CRPD),

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5g (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà,

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur ewlieni li fuqu hija msejsa l-Unjoni; billi l-Artikolu 8 tat-TFUE inaqqax l-impenn li tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiġu eliminati l-inugwaljanzi fl-azzjonijiet kollha tagħha, u b'hekk jistabbilixxi prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma kollha ta' politika tal-Unjoni Ewropea;

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi s-sistemi demokratiċi huma l-aktar xierqa biex jiggarantixxu li kull	C. billi s-sistemi demokratiċi huma l-aktar xierqa biex jiggarantixxu li kull

persuna jkollha l-kapaċità li tgawdi d-drittijiet tal-bniedem tagħha; billi llum, 29 % biss tal-popolazzjoni tad-dinja tgħix f'demokraziji liberali, u dan huwa tnaqqis qawwi meta mqabbel ma' 52 % fl-2009; billi ż-żieda fl-awtoritarjaniżmu, fl-illiberaliżmu u fil-populiżmu thedded l-ordni globali bbażat fuq ir-regoli, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, kif ukoll il-valuri u l-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-UE;	persuna jkollha l-kapaċità li tgawdi d-drittijiet tal-bniedem tagħha; billi llum, 29 % biss tal-popolazzjoni tad-dinja tgħix f'demokraziji liberali, u dan huwa tnaqqis qawwi meta mqabbel ma' 52 % fl-2009; billi ż-żieda fl-awtoritarjaniżmu, fl-illiberaliżmu u fil-populiżmu ***u r-ritaljazzjoni globali kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet tan-nisa u r-retorika kontra l-persuni LGBTIQ+,*** thedded l-ordni globali bbażat fuq ir-regoli, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, kif ukoll il-valuri u l-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-UE; ***billi d-drittijiet tan-nisa, tal-bniet u tal-membri tal-komunità LGBTIQ+ għadhom mhumiex garantiti madwar id-dinja u n-nuqqas ta' opportunitajiet għan-nisa spiss ikun aktar sever f'pajjiżi fejn l-istandards demokratiċi huma aktar baxxi, sitwazzjoni li sservi biex timmina dawk l-istess demokraziji, b'mod partikolari meta n-nisa jiffaċċjaw diskriminazzjoni f'termini ta' parteċipazzjoni politika, ekonomika u soċjali; jirrikonoxxi, barra minn hekk, li tali disparitajiet interni jistgħu jiġu iggravati mill-ġeografija, peress li fatturi bħar-rikors legali, il-kultura, u l-aċċess għar-riżorsi u l-edukazzjoni jvarjaw minn reġjun għal ieħor;***

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cc. billi n-nisa u l-bniet, speċjalment dawk fiż-żoni rurali, huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-impatti tat-tibdil fil-klima; billi dawn l-impatti jinkludu żieda fl-esponiment għall-vjolenza abbażi tal-ġeneru, aktar diffikultà fit-tlestija tal-kompiti ta' kuljum u aċċess imnaqqas għall-edukazzjoni;

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB) u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) huma sħab kruċjali fl-isforzi tal-UE biex tissalvagwardja u tavvanza d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt; billi l-gvernijiet madwar id-dinja qegħdin dejjem aktar jiċċensuraw, isikktu u jagħtu fastidju lid-DDB u lill-OSĊ fil-ħidma tagħhom;	F. billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB) u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) huma sħab kruċjali fl-isforzi tal-UE biex tissalvagwardja u tavvanza d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt; billi l-gvernijiet madwar id-dinja qegħdin dejjem aktar jiċċensuraw, isikktu u jagħtu fastidju lid-DDB u lill-OSĊ fil-ħidma tagħhom; ***billi d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem (WHRD), u dawk li jaħdmu fuq id-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) u d-drittijiet tal-LGBTIQ+, jiffaċċjaw spazju li qed jiċkien għall-ħidma kritika tagħhom, flimkien ma' theddid speċifiku għall-ġeneru, inkluż vjolenza abbażi tal-ġeneru, vjolenza sesswali, kampanji ta' malafama u forom oħra ta' diżinformazzjoni mmirata u livelli sproporzjonati ta' fastidju, inkluż fastidju online, u għalhekk jirrikjedu miżuri ta' protezzjoni speċifiċi u adegwati;***

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huma protetti bħala drittijiet tal-bniedem fid-dritt internazzjonali u Ewropew dwar id-drittijiet tal-bniedem, bħal fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, fil-Patt Internazzjonali dwar id-

Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, fil-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u jikkostitwixxu element essenzjali tal-għoti komprensiv tal-kura tas-saħħa; billi d-drittijiet tas-saħħa, b'mod partikolari s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, huma drittijiet fundamentali tan-nisa li għandhom jissaħħu u bl-ebda mod ma jistgħu jiddgħajfu jew jitneħħew; billi l-eżerċizzju tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huwa element essenzjali tad-dinjità tal-bniedem u huwa intrinsikament marbut mal-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u mal-ksib ta' firxa wiesgħa ta' drittijiet tal-bniedem oħra bħad-dritt ta' persuna għall-ħajja, għas-saħħa, għall-privatezza, għas-sigurtà tal-persuna, għan-nondiskriminazzjoni, għall-ugwaljanza quddiem il-liġi u għall-ħelsien mit-tortura u minn trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra;

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fb. billi l-Konvenzjoni ta' Istanbul, li l-UE ssieħbet magħha reċentement, minkejja li ġiet ratifikata biss minn xi Stati Membri, tafferma li l-kunflitti armati jirriżultaw fi ksur ripetut tad-drittijiet tal-bniedem li jaffettwa lill-popolazzjonijiet ċivili, speċjalment in-nisa, li huma soġġetti għal stupru u vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra u jsofru intensifikazzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru matul u wara l-kunflitti, filwaqt li s-superstiti jitħallew mingħajr aċċess għall-ġustizzja jew għall-appoġġ mediku u psikoloġiku adegwat; billi l-Konvenzjoni msemmija hawn fuq tiddefinixxi l-

vjolenza kontra n-nisa bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fc. billi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabbiltà u lill-familji tagħhom għandhom rwol essenzjali biex javvanzaw id-drittijiet tal-bniedem u jibnu soċjetajiet demokratiċi u inklużivi; billi l-persuni b'diżabbiltà, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet, jiffaċċjaw diskriminazzjoni intersezzjonali f'kuntesti ta' kunflitt, migrazzjoni u traffikar, u billi l-azzjoni esterna tal-UE trid tipproteġi l-inklużjoni sħiħa u l-aċċess ugwali tagħhom, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà;

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jafferma mill-ġdid il-pożizzjonijiet tiegħu espressi fir-rapport annwali tiegħu 2024 adottat fit-2 ta' April 2025 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali individwali, abbażi tal-valuri u l-prinċipji tal-UE li jiggwidaw l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali skont l-Artikolu 21 tat-TUE; itenni, b'mod partikolari, il-konklużjonijiet tiegħu dwar id-drittijiet tan-nisa, tat-tfal, tal-migranti u tar-rifuġjati, tal-minoranzi reliġjuži u etniċi, u ta' dawk kollha li għadhom qed jiġu affettwati minn abbuži tad-drittijiet tal-bniedem b'modi partikolarment insidjuži minħabba ***r-razza***, l-etniċità, ir-reliġjon, il-	1. Jafferma mill-ġdid il-pożizzjonijiet tiegħu espressi fir-rapport annwali tiegħu 2024 adottat fit-2 ta' April 2025 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali individwali, abbażi tal-valuri u l-prinċipji tal-UE li jiggwidaw l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali skont l-Artikolu 21 tat-TUE; itenni, b'mod partikolari, il-konklużjonijiet tiegħu dwar id-drittijiet tan-nisa, tat-tfal, tal-migranti u tar-rifuġjati, tal-minoranzi reliġjuži u etniċi, u ta' dawk kollha li għadhom qed jiġu affettwati minn abbuži tad-drittijiet tal-bniedem b'modi partikolarment insidjuži minħabba ***diskriminazzjoni intersezzjonali***

kasta, il-ġeneru, ***is-sesswalità***, id-diżabbiltà jew l-istatus soċjoekonomiku tagħhom;	***abbażi tar-razza***, l-etniċità, ir-reliġjon, il-kasta, il-ġeneru, id-diżabbiltà***, l-identità tal-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali u l-karatteristiċi sesswali*** jew l-istatus soċjoekonomiku tagħhom; ***jissottolinja l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bniet u tfal oħra b'diżabbiltà madwar id-dinja;***

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jisħaq li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur fundamentali tal-UE u wieħed mill-prinċipji komuni u fundamentali tagħha; jisħaq fuq l-importanza li jiġu avvanzati d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri madwar id-dinja, prinċipji li huma kruċjali biex jiġu eżerċitati d-drittijiet tal-bniedem u biex is-soċjetà jkollha l-prosperità;

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Ifakkar fl-importanza tal-ħidma mwettqa mill-attivisti, b'mod partikolari meta jiddefendu d-drittijiet fundamentali u meta jindirizzaw narrattivi diskriminatorji, inkluża r-retorika kontra l-LGBTIQ+, kif ukoll meta jipproteġu lil dawk li d-drittijiet tagħhom huma l-aktar taħt attakk, bħan-nisa u l-persuni LGBTIQ+; jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li jkollhom aċċess għal mekkaniżmi ta' protezzjoni effettivi; jimpenja ruħu li jappoġġja lid-DDB, inklużi lid-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem u lil dawk tal-LGBTIQ+ u tal-

	SRHR, li l-ħidma tagħhom hija mhedda minn spazju tas-soċjetà ċivili li qed jiċkien;

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1c. Jikkundanna ż-żieda fil-manipulazzjoni u l-istrumentalizzazzjoni tad-drittijiet tan-nisa, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-mutilazzjoni ġenitali femminili, biex jiġi promoss diskors ta' mibegħda u diskriminatorju, u jiġu avvanzati aġendi illiberali;

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jinnota bi tħassib serju d-deterjorament tal-ambjent globali*** tad-drittijiet tal-bniedem ***u x-xejra ta' rigress demokratiku li qed taċċellera b'mod ċar*** madwar id-dinja;	2. ***Jikkundanna t-tendenza li qed tiżdied fil-ksur u fl-abbużi***tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja***, b'mod partikolari, ir-ritaljazzjoni globali bla preċedent kontra d-drittijiet tan-nisa u l-bniet u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u ż-żieda fir-retorika omofobika u antitrans, murija bit-tnaqqis fil-finanzjament, bl-adozzjoni ta' liġijiet u politiki diskriminatorji u b'attakki politiki, li jirriskjaw li jipperikolaw għexieren ta' snin ta' progress fl-Ewropa u madwar id-dinja***;

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Id-drittijiet tan-nisa u tal-persuni LGTBIQ+ u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jenfasizza l-interdipendenza tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-demokrazija, id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt u jisħaq li s-salvagwardja tal-istat tad-dritt mhijiex possibbli mingħajr il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa kemm fl-UE kif ukoll globalment; f'dan il-kuntest jinnota ż-żieda allarmanti ta' movimenti kontra l-ġeneru u antidemokratiċi u r-ritaljazzjoni dejjem akbar fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; itenni, barra minn hekk, li l-attakki fuq id-drittijiet tan-nisa, id-difensuri tad-drittijiet tan-nisa, l-attivisti u l-ġurnalisti huma tattika komuni użata minn atturi antidemokratiċi biex ikomplu jimminaw id-drittijiet, il-libertajiet u l-istituzzjonijiet demokratiċi kemm fl-Istati Membri tal-UE kif ukoll madwar id-dinja;

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jinsab imħasseb ħafna dwar iż-żieda sinifikanti fil-finanzjament u fl-influwenza tal-organizzazzjonijiet u tal-movimenti antidemokratiċi li qed ifittxu li jnaqqru l-progress dwar id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri madwar l-Ewropa bejn l-2019 u l-2023, u dan

	jammonta għal USD 1,18 biljun u jinvolvi madwar 275 organizzazzjoni; jinnota li gvern minn kull erbgħa madwar id-dinja rrapporta ritaljazzjoni kontra d-drittijiet tan-nisa, u b'hekk qed jintwera li d-drittijiet tan-nisa qed jiġu attakkati globalment;

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2c. Jenfasizza li s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huma drittijiet fundamentali tal-bniedem li jridu jiġu rispettati globalment u fl-UE; jisħaq li ċ-ċaħda ta' servizzi komprensivi tas-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż l-aċċess għal abort sikur u legali, tikkostitwixxi forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, u ksur tad-drittijiet fundamentali u tal-awtonomija fiżika tal-persuni;

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2d. Jisħaq fuq l-importanza tat-tmexxija bl-eżempju u jtenni t-talbiet tiegħu biex id-dritt għal abort legali u sikur jiġi mnaqqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE;

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2e. Iħeġġeġ lill-UE tagħti prijorità lill-għoti ta' aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati bħala parti mill-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE, inklużi l-edukazzjoni komprensiva, xierqa għall-età u bbażata fuq l-evidenza dwar is-sesswalità, l-ippjanar tal-familja, il-kontraċezzjoni, il-kura qabel it-twelid, waqt il-ħlas u wara t-twelid, is-servizzi ta' fertilità, l-abort sikur u legali u t-trattament għal kwistjonijiet relatati mas-saħħa sesswali inklużi l-prevenzjoni u t-trattament tal-HIV; jinsab imħasseb dwar id-diskrepanza persistenti fid-data dwar il-ġeneri fir-riċerka medika;

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2f. Ifakkar li l-promozzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u tad-drittijiet relatati hija prinċipju ewlieni skont il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri III; jappella għal aċċess universali għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati matul kunflitt u spostament, inklużi ħlas sikur, servizzi tal-ippjanar tal-familja, aborti legali u sikuri, u ġestjoni klinika tal-istupru; jappella għall-appoġġ għad-DDB u għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu u jiffaċilitaw l-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, u li l-isforzi tagħhom huma dejjem aktar mhedda minn spazju tas-soċjetà ċivili li qed jiċkien, u jiddenunzja l-attakki kollha kontrihom;

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2g. Jenfasizza l-importanza li tiġi pprovduta edukazzjoni ta' kwalità għall-bniet u li jiġu żgurati opportunitajiet ugwali bħala kundizzjoni essenzjali biex tissaħħaħ l-emanċipazzjoni tan-nisa u jiġu eżerċitati bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom; jisħaq li l-investiment fl-edukazzjoni tal-bniet globalment jagħti riżultati pożittivi għas-soċjetajiet għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin; itenni l-ħtieġa ta' edukazzjoni komprensiva, xierqa għall-età u bbażata fuq l-evidenza dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet, kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha, il-ħtieġa li jiġu eliminati l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u n-normi dannużi tas-soċjetà li jixprunaw l-inugwaljanzi;

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2h. Jesprimi tħassib dwar il-prevalenza globali tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inklużi l-vjolenza abbażi tal-kunflitti, il-mutilazzjoni ġenitali femminili, iż-żwiġijiet tat-tfal u furzati, il-femminiċidji (il-qtil ta' mara jew tifla minħabba l-ġeneru tagħha), il-vjolenza bbażżata fuq l-unur, il-"pulizija tal-moralità", id-diskors ta' mibegħda online, u t-traffikar tan-nisa u l-bniet; jenfasizza l-importanza li l-vjolenza abbażi tal-ġeneru tiġi rikonoxxuta bħala qasam ta' kriminalità skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE; jilqa' l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul u jħeġġeġ lill-bqija tal-Istati Membri tal-UE jirratifikaw il-Konvenzjoni u jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tagħha;

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2i. Itenni li l-istupru jibqa' wieħed mill-aktar ksur tad-drittijiet tal-bniedem mifrux u jfakkar li l-istupru, definit abbażi ta' nuqqas ta' kunsens, jeħtieġ li jiġi kriminalizzat skont id-dritt tal-UE skont il-bażi ġuridika eżistenti; jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-użu tal-istupru u ta' forom oħra ta' vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra, u li dawn jintużaw biex jitterrorizzaw lill-popolazzjonijiet ċivili, irażżnu r-reżistenza u jeqirdu l-komunitajiet; ifakkar li tali atti jistgħu jikkostitwixxu delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità, jew atti li jikkontribwixxu għal ġenoċidju skont id-dritt internazzjonali;

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2j (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2j. Iheġġeġ lill-UE u lill-atturi globali jiddenunzjaw prattiki bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili, iż-żwieġ furzat u taħt l-età, il-vjolenza bbażata fuq l-"unur", u l-qtil; jappella għal azzjoni deċiżiva fl-UE u globalment biex jiġi evitat it-traffikar tan-nisa u tal-bniet u jiġu appoġġjati l-vittmi ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, b'mod partikolari fil-kuntest tal-invażjoni illegali tal-Ukrajna mir-Russja; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiffaċilitaw komunikazzjoni u taħriġ transfruntiera aħjar biex jiżguraw li t-traffikanti tal-bnedmin li jużaw il-fruntieri bħala lakuni biex ikomplu

	jisfruttaw il-bniet u n-nisa jkunu fil-mira b'mod aktar effiċjenti; jisħaq fuq l-importanza li tiżdied il-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija ma' pajjiżi terzi u mal-Europol, u li tiġi implimentata bis-sħiħ id-Direttiva (UE) 2024/1712 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu;

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2k (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2k. Jikkundanna l-użu ħażin tar-reliġjon, tat-tradizzjoni u tal-kultura bħala ġustifikazzjonijiet għal liġijiet, politiki u prattiki li joppressaw jew jiddiskriminaw kontra individwi jew gruppi, inkluż abbażi tal-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, ir-reliġjon, l-etniċità jew l-istatus soċjali; jisħaq b'mod partikolari li tali normi qatt ma jridu jintużaw biex jiġġustifikaw il-ksur tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet, inkluża ċ-ċaħda tal-aċċess għall-edukazzjoni, għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva,għal-libertà tal-moviment, għall-parteċipazzjoni politika, jew għall-protezzjoni mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jappella lill-UE biex tiżgura li l-azzjoni esterna tagħha, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u d-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem jisfidaw b'mod attiv il-prattiki diskriminatorji u jippromwovu d-drittijiet universali tal-bniedem, inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-awtonomija fiżika u l-ħelsien mill-vjolenza;

Emenda 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Test mhux emendat inkluż fil-kompromess*
3. Jisħaq li l-attakki ċibernetiċi, id-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni, spiss użati bħala għodod ta' interferenza barranija, inkluż matul l-elezzjonijiet, jikkontribwixxu għal din ix-xejra ta' tnaqqis demokratiku; jisħaq fuq is-sinifikat kritiku ta' sorsi affidabbli, indipendenti u diversi ta' informazzjoni u ta' ġurnaliżmu ta' kwalità għal soċjetajiet demokratiċi sodi u spazju ċiviku b'saħħtu; jinsab għalhekk imħasseb ħafna dwar l-isfidi li huma dejjem aktar u multidimensjonali ffaċċjati mill-media indipendenti, inklużi l-attakki dejjem aktar kontra l-ġurnalisti u t-tnaqqis fil-finanzjament disponibbli;	3. Jisħaq li l-attakki ċibernetiċi, id-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni, spiss użati bħala għodod ta' interferenza barranija, inkluż matul l-elezzjonijiet, jikkontribwixxu għal din ix-xejra ta' tnaqqis demokratiku; jisħaq fuq is-sinifikat kritiku ta' sorsi affidabbli, indipendenti u diversi ta' informazzjoni u ta' ġurnaliżmu ta' kwalità għal soċjetajiet demokratiċi sodi u spazju ċiviku b'saħħtu; jinsab għalhekk imħasseb ħafna dwar l-isfidi li huma dejjem aktar u multidimensjonali ffaċċjati mill-media indipendenti, inklużi l-attakki dejjem aktar kontra l-ġurnalisti u t-tnaqqis fil-finanzjament disponibbli;

Emenda 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jissottolinja l-importanza li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-sistemi demokratiċi sabiex tiġi indirizzata d-diskrepanza fir-rappreżentanza tan-nisa meta jittieħdu d-deċiżjonijiet; jistieden lill-azzjoni esterna tal-UE biex tiffaċilita parteċipazzjoni aħjar tan-nisa fil-politika, fin-negozju u fis-soċjetà ċivili;

Emenda 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jirrimarka li l-persuni LGBTIQ+ huma partikolarment vulnerabbli f'kuntesti ta' gwerra u ta' spostament furzat, u jiffaċċjaw persekuzzjoni u vjolenza; jistieden lill-Kummissjoni u lis-

	Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jiżguraw li l-għajnuna esterna tal-UE tinkludi miżuri ta' protezzjoni u ta' salvagwardja f'dawn il-kuntesti;

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jisħaq li, f'kuntesti ta' kunflitt u ta' spostament furzat, il-piż tal-indukrar jaqa' b'mod sproporzjonat fuq in-nisa u l-bniet, u dan jillimita l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni, għall-impjiegi u għall-parteċipazzjoni politika; jappella biex l-għajnuna umanitarja tal-UE tinkludi miżuri li jappoġġjaw lill-indokraturi;

Emenda 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jenfasizza, barra minn hekk, l-impatt sproporzjonat ta' dawn it-teknoloġiji fuq in-nisa u l-bniet, inkluż permezz ta' vjolenza online abbażi tal-ġeneru, cyberstalking, it-tixrid ta' immaġnijiet intimi mhux kunsenswali ġġenerati mill-IA (deepfakes), pornografija b'vendetta u diskriminazzjoni algoritmika, spiss iffaċilitati minn pjattaformi tal-media soċjali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-oqfsa diġitali u relatati mal-IA kollha, inklużi l-kontrolli tal-esportazzjoni, jinkorporaw salvagwardji sensittivi għall-ġeneru, mekkaniżmi ta' obbligu ta' rendikont, u protezzjonijiet għal dawk l-aktar f'riskju; jenfasizza li l-algoritmi fuq il-pjattaformi diġitali spiss jirriproduċu l-preġudizzju bejn il-ġeneri u jamplifikaw

	in-narrattivi li jirrinfurzaw in-normi sessisti u r-rwoli tradizzjonali tal-ġeneri, jirrestringu l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa fil-ħajja politika u jdgħajfu l-istandards demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem; jappella lill-UE tiżgura li l-użu tal-IA u tat-teknoloġiji ta' sorveljanza jkun trasparenti, proporzjonat, soġġett għal sorveljanza demokratika u akkumpanjat minn valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem u fuq il-ġeneri;

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jirrikonoxxi t-theddida ta' teknoloġija deep-fake, li hija mmirata b'mod sproporzjonat lejn in-nisa permezz ta' manipulazzjoni mhux kunsenswali tal-immaġni għall-finijiet ta' fastidju u abbuż; jenfasizza li kontenut deepfake jagħmel ħsara sproporzjonata lin-nisa; iħeġġeġ lill-UE timplimenta salvagwardji biex tidentifika u tipprevjeni deepfakes ta' ħsara u biex tindirizza theddid diġitali speċifiku għall-ġeneru fir-regolamenti dwar l-IA;

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jenfasizza s-sottorappreżentanza tan-nisa fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-IA, u din tirrappreżenta opportunità mitlufa għall-avvanz teknoloġiku; jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika (STEM) biex in-nisa u l-

bniet jiġu mgħammra b'ħiliet orjentati lejn il-futur, li jippermettu l-aċċess għall-impjiegi u jisfidaw l-istereotipi marbuta mal-ġeneru;

Emenda 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6d. Jikkundanna bil-qawwa d-diskriminazzjoni u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-konfront tan-nisa b'identitajiet intersezzjonali, inklużi dawk li jagħmlu parti minn minoranzi etniċi bħan-nisa Romani; jissottolinja li d-diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni twassal għal ksur tad-drittijiet fl-oqsma kollha tal-ħajja, inklużi l-aċċess għall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u, b'mod partikolari, il-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, ix-xogħol u l-aċċess għall-ġustizzja;

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6e. Jikkundanna l-forom kollha ta' vjolenza, diskriminazzjoni, stigmatizzazzjoni, persekuzzjoni, reati ta' mibegħda, diskors ta' mibegħda, terapiji ta' konverżjoni, mutilazzjoni ġenitali intersesswali u vjolenza sesswali kontra persuni LGBTIQ+ fl-UE u globalment; jinsab imħasseb ħafna biż-żieda fil-mibegħda u fin-narrattivi kontra l-LGBTIQ+ u fil-leġiżlazzjoni mmirata kontra l-persuni LGBTIQ+ u d-DDB u li jirrestringu l-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali tagħhom, kemm fl-UE kif ukoll barra minnha, b'mod

	partikolari r-ritaljazzjoni f'xi Stati Membri, bħall-Ungerija, fejn liġijiet kontra l-persuni LGBTIQ+, bħall-Att LXXIX tal-2021, jimmina d-drittijiet u s-sikurezza tal-persuni LGBTIQ+; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jiddenunzjaw dawn l-inġustizzji u jimpenjaw ruħhom li jipproteġu d-drittijiet, id-dinjità u s-sikurezza ta' individwi LGBTIQ+; jiddenunzja, f'dan ir-rigward, il-prattiki ta' konverżjoni għal persuni LGBTIQ+ bl-għan li jbiddlu, jillimitaw jew irażżnu l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u/jew l-espressjoni tal-ġeneru tal-vittmi tagħhom; jappella għall-implimentazzjoni ta' politika fl-UE kollha biex prattiki ta' dan it-tip jiġu pprojbiti bil-liġi; jenfasizza ż-żieda fit-tħassib u l-biżgħat fil-komunitajiet LGBTIQ+ u jħeġġeġ lill-UE tieħu pożizzjoni soda kontra kwalunkwe azzjoni leġiżlattiva jew soċjali li tipperikola lill-persuni LGBTIQ+;

Emenda 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq bi tħassib partikolari li t-tnaqqis reċenti fl-għajnuna għall-iżvilupp, inkluża s-sospensjoni ta' mijiet ta' miljuni ta' dollari ta' għajnuna mill-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Iżvilupp Internazzjonali (USAID) u tal-appoġġ mill-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Popolazzjoni fl-2025, jaffettwa b'mod sproporzjonat linnisa u lill-bniet billi jnaqqas l-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, inklużi aborti sikuri u legali, kura tas-saħħa materna, kontraċezzjoni, u servizzi ta' protezzjoni għas-superstiti ta' vjolenza sesswali, u b'hekk iżid il-vulnerabbiltajiet ibbażati fuq il-ġeneru f'kuntesti umanitarji; jisħaq li dan it-tnaqqis għandu impatt bla

preċedent f'termini ta' ħajjiet umani;

Emenda 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jappella, b'mod partikolari, lill-UE biex iżżid l-appoġġ għall-programmazzjoni tad-drittijiet tan-nisa bil-għan li dan jikkumpensa għall-iffriżar tal-finanzjament tal-USAID tal-2025, li jhedded is-saħħa sesswali u riproduttiva kritika u s-servizzi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru f'żoni ta' kriżi;

Emenda 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jisħaq li l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma pilastri essenzjali tas-sistema multilaterali tad-drittijiet tal-bniedem; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jiddefendu b'mod attiv il-lingwaġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-impenji fin-negozjati tan-NU, jirreżistu tentattivi biex jiddgħajfu jew jitreġġgħu lura l-istandards miftiehma, u jiżguraw finanzjament adegwat għall-aġenziji u għall-mekkaniżmi tan-NU li jaħdmu fuq id-drittijiet tan-nisa, inklużi l-UN Women u l-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa;

Emenda 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza li d-diżrispett dejjem aktar għad-dritt internazzjonali u l-politiċizzazzjoni tad-dibattiti li jikkonċernaw l-istituzzjonijiet tal-ġustizzja internazzjonali, bħall-QIĠ u l-QKI, joħolqu theddida eżistenzjali għall-ordni globali bbażat fuq ir-regoli; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar id-diżrispett għad-dritt umanitarju internazzjonali u għad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-polarizzazzjoni madwarhom; jiddeplora t-theddid bħal qatt qabel li qed tiffaċċja l-QKI, b'mod partikolari minħabba l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet fuq l-imħallfin u l-persunal tagħha; ifakkar li d-dritt internazzjonali u l-awtoritajiet ġuridiċi indipendenti kompetenti huma essenzjali biex tiġi rispettata l-ġustizzja internazzjonali, tiġi żgurata r-responsabbiltà u l-ġlieda kontra l-impunità, li huma prekundizzjonijiet meħtieġa ta' kwalunkwe proċess ta' rikonċiljazzjoni u paċi sostnutI;	9. Jenfasizza li d-diżrispett dejjem aktar għad-dritt internazzjonali u l-politiċizzazzjoni tad-dibattiti li jikkonċernaw l-istituzzjonijiet tal-ġustizzja internazzjonali, bħall-QIĠ u l-QKI, joħolqu theddida eżistenzjali għall-ordni globali bbażat fuq ir-regoli; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar id-diżrispett għad-dritt umanitarju internazzjonali u għad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-polarizzazzjoni madwarhom; jiddeplora t-theddid bħal qatt qabel li qed tiffaċċja l-QKI, b'mod partikolari minħabba l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet fuq l-imħallfin u l-persunal tagħha; ifakkar li d-dritt internazzjonali u l-awtoritajiet ġuridiċi indipendenti kompetenti huma essenzjali biex tiġi rispettata l-ġustizzja internazzjonali, tiġi żgurata r-responsabbiltà u l-ġlieda kontra l-impunità, li huma prekundizzjonijiet meħtieġa ta' kwalunkwe proċess ta' rikonċiljazzjoni u paċi sostnutI; ***jappella lill-UE biex tappoġġja lill-QKI u lil tribunali internazzjonali oħra fil-prosekuzzjoni ta' vjolenza sesswali relatata mal-kunflitti u delitti bbażati fuq il-ġeneru, u tiżgura l-protezzjoni tal-vittmi u tax-xhieda;***

Emenda 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jikkundanna l-politika devastanti tal-apartheid tal-ġeneru li qed isegwu t-Taliban fl-Afganistan u jħeġġeġ lill-awtoritajiet de facto jerġgħu jdaħħlu minnufih il-parteċipazzjoni shiħa, ugwali u sinifikattiva tan-nisa u l-bniet fil-ħajja pubblika, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-edukazzjoni, il-kura tas-

saħħa u x-xogħol; jesprimi tħassib serju dwar kif id-deterjorament tad-dritt tan-nisa rriżulta f'nuqqas ta' aċċess għall-għajnuna umanitarja wara li seħħew diżastri naturali; jappella lill-UE tipproponi r-rikonoxximent tal-apartheid tal-ġeneru bħala reat kontra l-umanità u tiffaċilita l-prosekuzzjoni ta' dawk responsabbli mill-qrati internazzjonali; jesprimi tħassib partikolari dwar is-sitwazzjoni fl-Afganistan, fejn il-politiki tat-Talibani istituzzjonalizzaw id-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru fuq skala mingħajr preċedent; jappella biex l-UE tindirizza tali każijiet b'mod espliċitu fl-azzjoni esterna tagħha, fid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u fl-impenji multilaterali, u tappoġġja l-isforzi lejn l-obbligu ta' rendikont u l-ġustizzja għan-nisa u l-bniet affettwati;

Emenda 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Itenni l-kundanna tiegħu tar-reġim fundamentalista fl-Iran u r-restrizzjonijiet tiegħu fuq il-libertajiet fundamentali tan-nisa u l-bniet; jissottolinja li s-segregazzjoni u l-esklużjoni mill-ħajja pubblika, mill-edukazzjoni, mill-impjiegi u mill-parteċipazzjoni politika abbażi tal-ġeneru jikkostitwixxu ksur serju tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u jistgħu jammontaw għal delitti kontra l-umanità; jappella biex l-UE tindirizza tali każijiet b'mod espliċitu fl-azzjoni esterna tagħha, fid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u fl-impenji multilaterali, u tappoġġja l-isforzi lejn l-obbligu ta' rendikont u l-ġustizzja għan-nisa u l-bniet affettwati;

Emenda 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9c. Jinsab allarmat biż-żieda fil-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali f'dawn l-aħħar snin – li wħud minnhom ġew irrappurtati bħala metodi strateġiċi ta' gwerra – b'mod partikolari fis-Sudan, f'Gaża, fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u fl-Ukrajna; jiddenunzja u jirrifjuta l-użu tal-vjolenza sesswali kontra n-nisa u l-bniet bħala arma tal-gwerra; jikkundanna b'mod inekwivoku l-gravità eċċezzjonali tal-kriżi umanitarja f'Gaża, il-qtil tal-massa ta' ċivili innoċenti, l-aktar nisa u tfal, l-ispostament kontinwu ta' miljuni ta' persuni u l-użu tat-tbatija tal-ġuħ bħala metodu ta' gwerra; jilqa' r-ritorn tal-ostaġġi ħajjin kollha wara l-attakk atroċi tas-7 ta' Ottubru 2023; jappella għal paċi dejjiema u għall-involviment tan-nisa f'Gaża ta' wara l-gwerra; jiddeplora n-nuqqas ta' attenzjoni mogħtija lis-Sudan, inkluża s-sitwazzjoni mwiegħra tan-nisa u l-bniet hemmhekk; ifakkar, barra minn hekk, li l-kunflitti li għaddejjin juru l-impatt devastanti tal-gwerra abbażi tal-ġeneru, inkluż l-użu dokumentat tal-vjolenza sesswali; jenfasizza l-ħtieġa li tintemm l-impunità u jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw b'mod attiv l-isforzi biex tiġi żgurata r-responsabbiltà għad-delitti tal-gwerra u tingħata prijorità lill-prevenzjoni, id-dokumentazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-vjolenza sesswali relatata mal-kunflitti fil-politika estera u ta' sigurtà tagħha, u jappoġġjaw il-ġustizzja, ir-riparazzjoni u r-responsabbiltà ċċentrati fuq is-superstiti permezz tal-qrati internazzjonali u r-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem;

Emenda 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jisħaq fuq l-importanza tal-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija bħala valuri fundamentali li jiggwidaw ir-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi mhux tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jiżguraw l-inklużjoni ta' klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet ta' kooperazzjoni u fl-istrumenti ta' finanzjament, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tagħhom permezz ta' djalogu regolari, involviment kostruttiv, u mekkaniżmi ta' monitoraġġ konsistenti; jissottolinja li kwalunkwe miżura b'reazzjoni għall-ksur għandha tkun proporzjonata u mfassla apposta għal kuntesti speċifiċi, filwaqt li tiżgura l-flessibbiltà tal-azzjoni diplomatika tal-UE; jirrikonoxxi l-kontribut kruċjali tad-delegazzjonijiet tal-Parlament Ewropew fit-trawwim tad-djalogu interparlamentari, fl-appoġġ tal-valuri demokratiċi, u fl-għoti ta' monitoraġġ immirat u attivitajiet ta' segwitu, u b'hekk jissaħħu l-effettività u l-konsistenza tal-kooperazzjoni esterna tal-UE;

Emenda 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jappella biex l-istrument propost Ewropa Globali jżomm il-mira tal-predeċessur tiegħu li jiżgura li mill-anqas 85 % tal-azzjonijiet esterni tal-UE jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u li mill-anqas 5 % ta' dawk l-azzjonijiet ikollhom l-ugwaljanza bejn il-

	ġeneri bħala l-objettiv prinċipali tagħhom, u li jiżgura li l-istrument Ewropa Globali jkun marbut direttament mal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru III (estiż sal-2027) u l-Pjan ta' Azzjoni futur dwar il-Ġeneru IV;

Emenda 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III (GAP III) u l-GAP IV ta' wara l-2027

Emenda 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jiżguraw li l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE li jmiss dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija jkun fih kapitolu ddedikat dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa, b'parametri referenzjarji, skedi ta' żmien u mekkaniżmi ta' obbligu ta' rendikont konkreti;

Emenda 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru III u l-oqsma tematiċi ewlenin tiegħu ta' involviment fil-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-promozzjoni tas-saħħa sesswali

	u riproduttiva u d-drittijiet relatati, it-tisħiħ tal-emanċipazzjoni tal-bniet u n-nisa, l-implimentazzjoni tal-aġenda dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà u l-introduzzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri f'oqsma ta' politika ġodda bħat-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali fl-azzjoni esterna kollha tal-UE; jilqa' l-estensjoni tal-GAP III sal-2027 u jappella għall-adozzjoni f'waqtha ta' Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru IV għal wara l-2027 li jkun ambizzjuż biex jinżammu l-miri ta' mill-anqas 85 % tal-azzjonijiet esterni tal-UE li jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u mill-anqas 20 % ta' dawk l-azzjonijiet li għandhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala l-objettiv prinċipali tagħhom, u biex jirrinfurzaw dawn il-miri fl-ambitu tal-istrument propost Ewropa Globali;

Emenda 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14c. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jiżguraw li l-proġetti kollha ta' azzjoni esterna tal-UE jonoraw il-prinċipju tal-aċċessibbiltà universali u l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà, f'konformità mal-Artikolu 9 tal-UNCRPD; jappella biex il-programmi ta' appoġġ għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi mhux tal-UE jinkludu miżuri li jiżguraw li n-nisa, iż-żgħażagħ, il-persuni b'diżabbiltà u l-minoranzi jkunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja politika;

Emenda 55

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-ftehimiet internazzjonali, inklużi l-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ta' kummerċ, u ta' strumenti bħall-iskema ġeneralizzata ta' preferenzi (SĠP) u l-SĠP+ għat-tqegħid tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istandards demokratiċi fil-qalba tar-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi mhux tal-UE, għat-tħeġġiġ u għall-monitoraġġ tal-konformità ma' tali standards u għall-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità tad-drittijiet tal-bniedem fil-politika esterna tal-UE;	15. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-ftehimiet internazzjonali, inklużi l-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ta' kummerċ, u ta' strumenti bħall-iskema ġeneralizzata ta' preferenzi (SĠP) u l-SĠP+ għat-tqegħid tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istandards demokratiċi fil-qalba tar-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi mhux tal-UE, għat-tħeġġiġ u għall-monitoraġġ tal-konformità ma' tali standards u għall-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità tad-drittijiet tal-bniedem fil-politika esterna tal-UE; ***jissottolinja l-importanza li tiġi indirizzata l-inugwaljanza bejn il-ġeneri u li jiġu promossi d-drittijiet tan-nisa permezz ta' dawn il-ftehimiet, inkluż billi tiġi appoġġjata l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-ekonomija u billi n-nisa jiġu protetti mid-diskriminazzjoni u mill-isfruttament;***

Emenda 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jenfasizza li l-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtiġilhom ineħħu l-ostakli għan-nisa biex jibdew negozji u jkunu l-proprjetarji tagħhom bil-għan li jingħalaq id-distakk bejn il-ġeneri fl-intraprenditorija;

Emenda 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jirrimarka li d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u d-djalogu ta' madwarha jridu jinkludu dimensjoni interġenerazzjonali, b'attenzjoni

partikolari għall-protezzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt, flimkien ma' adulti akbar fl-età u persuni b'diżabbiltà;

Emenda 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Itenni li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-paċi u s-sigurtà mhijiex biss kwistjoni ta' drittijiet, iżda prekundizzjoni għal paċi sostenibbli; jappella lill-UE u lill-Istati Membri biex jiżguraw il-parteċipazzjoni ugwali u sinifikanti tan-nisa fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-politika estera u ta' sigurtà, inkluż fin-negozjati għall-paċi, fir-rikostruzzjoni ta' wara l-kunflitt u fil-missjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni; jissottolinja l-ħtieġa li n-nisa minn komunitajiet affettwati jkunu rappreżentati fi djalogi mmexxija mill-UE u fi proċessi ta' ġustizzja tranżizzjonali;

Emenda 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16c. Jappella għall-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni ġdid tal-UE dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, liema pjan ma jridx ikun limitat għal enfasi fuq il-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, iżda jrid jagħti wkoll prijorità li jiġi żgurat aċċess għal servizzi essenzjali tas-saħħa sesswali u riproduttiva għan-nisa kollha affettwati mill-kunflitt, u jiggarantixxi l-obbligu ta' rendikont u r-riparazzjonijiet għall-ksur tal-SRHR f'konformità mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

jappella lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw li l-kurituri umanitarji u l-programmi ta' għajnuna jindirizzaw speċifikament il-ħtiġijiet tan-nisa u l-bniet, li huma fil-mira tal-kunflitti u affettwati minnhom b'mod sproporzjonat;

Emenda 60

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16d. Jenfasizza li l-ommijiet u t-tfal jinsabu f'riskju akbar ta' tbatija tal-ġuħ u tal-malnutrizzjoni;

Emenda 61

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16e. Jappella lill-UE timpenja ruħha favur politika barranija femminista konsistenti u intersezzjonali, u l-prinċipji tagħha tad-drittijiet, ir-riżorsi u r-rappreżentanza li jqiegħdu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tal-bniedem u l-ġustizzja soċjali fil-qalba tal-azzjoni esterna kollha; jissottolinja li tali politika trid tmur lil hinn mill-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri billi tisfida b'mod attiv l-iżbilanċi tal-poter u tindirizza d-diskriminazzjoni strutturali; jisħaq li dan jinkludi l-iżgurar tal-parteċipazzjoni ugwali u sinifikanti tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet, l-applikazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneru fid-diplomazija, l-iżvilupp, il-kummerċ u s-sigurtà, l-appoġġ għas-soċjetà ċivili femminista fl-UE u globalment;

Emenda 62

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jilqa' l-fatt li, fl-2024, il-Mekkaniżmu għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem***,*** iffinanzjat taħt il-programm tematiku tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali***,*** appoġġja 10 050 ***DDB*** meqjusa bħala ta' riskju għoli, li 51 % minnhom kienu nisa, u li pprovda appoġġ lil aktar minn 700 ġurnalist f'riskju f'60 pajjiż ***matul l-istess perjodu***;	18. Jilqa' l-fatt li, fl-2024, il-Mekkaniżmu għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem iffinanzjat taħt il-programm tematiku tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali appoġġja 10 050 ***difensur tad-drittijiet tal-bniedem*** meqjusa bħala ta' riskju għoli, li 51 % minnhom kienu nisa, u li pprovda appoġġ lil aktar minn 700 ġurnalist f'riskju f'60 pajjiż***; jissottolinja r-riskji partikolari li jiffaċċjaw id-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment dawk li jaħdmu fuq id-drittijiet sesswali u riproduttivi, u jappella għal finanzjament iddedikat u miżuri ta' protezzjoni mfassla apposta għall-ħtiġijiet tagħhom, kif ukoll biex jiġu pprovduti b'appoġġ politiku u b'appoġġ finanzjarju dirett akbar***; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati mekkaniżmi flessibbli u effettivi ta' aċċess għall-viżi u ta' protezzjoni adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom;***

Emenda 63

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' mekkaniżmu intern tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem biex jipprovdi reazzjonijiet rapidi għad-difensuri u għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li qed jiffaċċjaw attakki fl-UE; ifakkar li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom jirċievu wkoll appoġġ u protezzjoni xierqa mill-UE meta l-gvernijiet nazzjonali jonqsu milli

jipprovdu dan;

Emenda 64

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Itenni t-talba tiegħu lill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri biex jimpenjaw ruħhom li javvanzaw lejn politika estera u ta' sigurtà femminista li tinvolvi viżjoni trasformattiva tal-ġeneru u biex jiżguraw li l-għanijiet u l-impenji kollha tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru III, u kwalunkwe pjanijiet ta' azzjoni fil-futur, jiġu implimentati bis-sħiħ mill-Istati Membri, mid-delegazzjonijiet tal-UE u mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE;

Emenda 65

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jappella lill-UE tiżgura li l-assistenza umanitarja tkun ibbażata fuq valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru mwettqa b'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet speċjalizzati tad-drittijiet tan-nisa u ma' organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili li jaħdmu man-nisa, mat-tfal u ma' gruppi emarġinati oħra, inklużi dawk li huma spostati internament;

Emenda 66

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Itenni li l-istupru jibqa' wieħed mill-aktar ksur mifrux tad-drittijiet tal-bniedem u jfakkar li l-istupru, definit abbażi tan-nuqqas ta' kunsens, jeħtieġ li jiġi kriminalizzat skont id-dritt tal-UE skont il-bażi ġuridika eżistenti;

Emenda 67

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jilqa' l-appoġġ finanzjarju kontinwu tal-UE lill-QKI fi żmien partikolarment diffiċli għall-ġustizzja internazzjonali; jiddispjaċih għan-nuqqas persistenti li jiġi attivat l-istatut ta' mblukkar tal-UE biex il-QKI tiġi protetta mill-effetti extraterritorjali tas-sanzjonijiet;	22. Jilqa' l-appoġġ finanzjarju kontinwu tal-UE lill-QKI fi żmien partikolarment diffiċli għall-ġustizzja internazzjonali; jiddispjaċih għan-nuqqas persistenti li jiġi attivat l-istatut ta' mblukkar tal-UE biex il-QKI tiġi protetta mill-effetti extraterritorjali tas-sanzjonijiet; ***jilqa' l-mandati ta' arrest tal-QKI għall-mexxejja Talibani akkużati b'delitti kontra l-umanità, speċifikament il-persekuzzjoni tal-ġeneru;***

Emenda 68

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jisħaq li l-effetti ta' ħsara tat-tibdil fil-klima u tad-degradazzjoni tal-ekosistemi qed jiġġarrbu b'mod sproporzjonat minn nies fqar, b'mod partikolari n-nisa, iż-żgħażagħ, il-persuni b'diżabbiltà, u l-persuni minn minoranzi oħra u popli indiġeni u komunitajiet oħra li jiddependu mir-riżorsi naturali; jirrikonoxxi l-ħidma importanti tal-OSĊ, il-popli indiġeni, id-DDB fil-qasam tal-art u tal-ambjent u l-attivisti indiġeni fil-protezzjoni ta' ambjent nadif, san u

sostenibbli; jiddeplora r-riskji li jiffaċċjaw id-DDB fil-qasam tal-ambjent u l-attivisti indiġeni u jappella biex tiġi garantita l-protezzjoni effettiva tagħhom;

Emenda 69

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipproponu l-inklużjoni tal-"apartheid tal-ġeneru" bħala delitt kontra l-umanità sabiex l-Afganistan u dawk responsabbli jinżammu responsabbli għal għemilhom; jappella għal appoġġ qawwi għad-definizzjoni tal-apartheid tal-ġeneru kif propost mill-grupp ta' ħidma tan-NU dwar id-diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet u għalhekk iqis li l-apartheid tal-ġeneru tfisser "atti inumani ta' natura simili għal dawk imsemmija fil-paragrafu 1, imwettqa fil-kuntest ta' reġim istituzzjonalizzat ta' diskriminazzjoni sistematika, oppressjoni u dominazzjoni minn grupp wieħed fuq grupp jew gruppi oħra, abbażi tal-ġeneru, u mwettqa bl-intenzjoni li jinżamm dak ir-reġim"; jappella biex tittieħed azzjoni deċiżiva biex il-vjolenza sesswali ma tibqax tintuża bħala arma tal-gwerra u biex tintemm l-impunità ta' min ikun ħati ta' dan il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

Emenda 70

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. jistieden lill-atturi globali u l-Istati Membri jindirizzaw bil-qawwa s-sitwazzjoni mwiegħra tan-nisa u l-bniet madwar id-dinja li huma soġġetti għal

traffikar ta' bnedmin u sfruttament sesswali; jappoġġja l-isforzi bl-għan li l-vittmi jiġu salvati u riabilitati u li t-trażgressuri rġiel u nisa jitressqu l-qorti rigorożament, u jiġu riformati;

Emenda 71

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26b. Jappella biex il-parteċipazzjoni tan-nisa u tal-irġiel b'diżabbiltà titqies fit-tfassil ta' infrastruttura sikura u aċċessibbli matul il-proċessi ta' rikostruzzjoni wara kunflitti armati jew diżastri naturali;

Emenda 72

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26c. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jżidu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE biex jiżżarmaw in-networks tranżnazzjonali, u jagħtu prijorità lill-azzjoni biex jiġi indirizzat it-traffikar fid-djalogi kollha dwar id-drittijiet tal-bniedem;

Emenda 73

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jistabbilixxu indikaturi u skedi ta' żmien ċari fil-pjan ta' azzjoni tal-UE għal wara l-2027 dwar id-drittijiet tal-bniedem u	27. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jistabbilixxu indikaturi u skedi ta' żmien ċari fil-pjan ta' azzjoni tal-UE għal wara l-2027 dwar id-drittijiet tal-bniedem u

d-demokrazija biex jitkejjel is-suċċess, tissaħħaħ il-koerenza bejn l-azzjonijiet interni u esterni tal-UE u jiġu speċifikati konnessjonijiet aħjar bejn il-prijoritajiet kif iddikjarat fil-pjan ta' azzjoni u parametri referenzjarji aktar stretti;	d-demokrazija biex jitkejjel is-suċċess, tissaħħaħ il-koerenza bejn l-azzjonijiet interni u esterni tal-UE u jiġu speċifikati konnessjonijiet aħjar bejn il-prijoritajiet kif iddikjarat fil-pjan ta' azzjoni u parametri referenzjarji aktar stretti ***b'sett iddedikat għal indikaturi u parametri referenzjarji sensittivi għall-ġeneru biex jiġi mmonitorjat il-progress fuq id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri globalment***;

Emenda 74

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jappella lill-UE u lill-istituzzjonijiet tagħha jużaw b'mod sistematiku approċċ intersezzjonali femminista meta jindirizzaw il-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, inkluż fir-rapport annwali, biex jiżguraw li l-ilħna kollha jinstemgħu u jiġu rappreżentati u li d-drittijiet tal-bniedem tal-persuni kollha fid-diversità tagħhom jiġu protetti u promossi;

Emenda 75

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jappella għal baġit allokat ċar għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-QFP futur; jisħaq li l-baġit tal-UE jeħtieġ li jiġi protett ukoll għall-użu estern u li l-baġit jikkostitwixxi ingranaġġ importanti biex tinkiseb konformità akbar mad-drittijiet tal-bniedem u mal-istandards demokratiċi mill-pajjiżi sħab; jappella, għalhekk, li tiġi introdotta regola ta' kundizzjonalità fil-qasam tad-drittijiet tal-	29. Jappella għal baġit allokat ċar għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-QFP futur; jisħaq li l-baġit tal-UE jeħtieġ li jiġi protett ukoll għall-użu estern u li l-baġit jikkostitwixxi ingranaġġ importanti biex tinkiseb konformità akbar mad-drittijiet tal-bniedem u mal-istandards demokratiċi mill-pajjiżi sħab; jappella, għalhekk, li tiġi introdotta regola ta' kundizzjonalità fil-qasam tad-drittijiet tal-

bniedem u tad-demokrazija fl-istrument il-ġdid Ewropa Globali għall-finanzjament ta' pajjiżi sħab mhux tal-UE;	bniedem u tad-demokrazija fl-istrument il-ġdid Ewropa Globali għall-finanzjament ta' pajjiżi sħab mhux tal-UE; ***jappella għal linja baġitarja ddedikata għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa;***

Emenda 76

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu livell għoli ta' prijorità lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri u lill-SRHR fir-rispons ta' għajnuna umanitarja tagħhom, kif ukoll obbligu ta' rendikont u aċċess għall-ġustizzja u r-rimedju għal ksur tad-drittijiet sesswali u riproduttivi u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż f'termini ta' taħriġ għall-atturi umanitarji u ta' finanzjament attwali u futur;

Emenda 77

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Jappella lill-UE tivvaluta l-effettività tas-sett ta' għodod biex jiġu indirizzati l-kampanji ta' diżinformazzjoni kontra l-UE, b'mod partikolari f'pajjiżi li jirċievu mill-UE assistenza sinifikanti umanitarja u għall-iżvilupp u f'pajjiżi kandidati għas-sħubija fl-UE;	35. Jappella lill-UE tivvaluta l-effettività tas-sett ta' għodod biex jiġu indirizzati l-kampanji ta' diżinformazzjoni kontra l-UE, b'mod partikolari f'pajjiżi li jirċievu mill-UE assistenza sinifikanti umanitarja u għall-iżvilupp u f'pajjiżi kandidati għas-sħubija fl-UE; ***jissottolinja l-importanza li jiġu indirizzati d-diżinformazzjoni dwar il-ġeneri u l-fastidju online mmirati lejn in-nisa attivi fil-politika, fil-ġurnaliżmu u fis-soċjetà ċivili, li għandhom l-għan li jsikktu d-dissens, jimminaw il-parteċipazzjoni demokratika u jxerrdu narrattivi kontra l-***

UE; jisħaq li l-istrument għandu jinkludi obbligi vinkolanti għall-prevenzjoni, għall-mitigazzjoni u għar-rimedju tal-impatti speċifiċi għall-ġeneru fuq id-drittijiet tal-bniedem; jappella għal kontromiżuri proporzjonati u effettivi u għodod ta' monitoraġġ imtejba biex jipprevjenu, jesponu u jirrispondu għal tali fenomeni, filwaqt li jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali u l-libertà tal-espressjoni; jappella għal miżuri ta' appoġġ u protezzjoni ddedikati biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-ġurnalisti, l-attivisti u l-politiċi nisa online u offline;

Emenda 78

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jappella għall-implimentazzjoni sistematika tal-valutazzjonijiet ex ante u ex post tad-drittijiet tal-bniedem u għall-inklużjoni ta' klawżoli robusti dwar id-drittijiet tal-bniedem fi ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi mhux tal-UE, liema klawżoli jkunu appoġġjati minn sett ċar ta' parametri referenzjarji u proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'każ ta' ksur; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jiżguraw li l-klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet internazzjonali attwali jiġu mmonitorjati b'mod attiv u infurzati b'mod effettiv u li jtejbu l-komunikazzjoni tagħhom mal-Parlament dwar kunsiderazzjonijiet u deċiżjonijiet rigward dan l-infurzar; itenni li f'każ ta' ksur persistenti tal-klawżoli tad-drittijiet tal-bniedem mill-pajjiżi sħab tal-UE, inkluż dawk fil-programm tal-GSP+, l-UE għandha tieħu azzjoni malajr u b'mod deċiżiv, inkluż billi tissospendi l-ftehimiet ikkonċernati jekk għażliet oħra jirriżultaw ineffettivi;	36. Jappella għall-implimentazzjoni sistematika tal-valutazzjonijiet ex ante u ex post tad-drittijiet tal-bniedem u għall-inklużjoni ta' klawżoli robusti dwar id-drittijiet tal-bniedem fi ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi mhux tal-UE***, inkluż ġbir ta' data xieraq dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***, liema klawżoli jkunu appoġġjati minn sett ċar ta' parametri referenzjarji u proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'każ ta' ksur; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jiżguraw li l-klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet internazzjonali attwali jiġu mmonitorjati b'mod attiv u infurzati b'mod effettiv u li jtejbu l-komunikazzjoni tagħhom mal-Parlament dwar kunsiderazzjonijiet u deċiżjonijiet rigward dan l-infurzar; itenni li f'każ ta' ksur persistenti tal-klawżoli tad-drittijiet tal-bniedem mill-pajjiżi sħab tal-UE, inkluż dawk fil-programm tal-GSP+, l-UE għandha tieħu azzjoni malajr u b'mod deċiżiv, inkluż billi tissospendi l-ftehimiet ikkonċernati jekk għażliet oħra jirriżultaw ineffettivi;

Emenda 79

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	38a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrikonoxxi legalment il-fastidju abbażi tal-ġeneru, inkluż il-fastidju online, bħala diskors ta' mibegħda kriminalizzat, u tobbliga lill-pjattaformi jidentifikaw u jneħħu d-diskors ta' mibegħda abbażi tal-ġeneru;

Emenda 80

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	38b. Jappella għal skrutinju aktar b'saħħtu tal-algoritmi fuq il-pjattaformi diġitali biex tiġi evitata r-riproduzzjoni tal-preġudizzju bejn il-ġeneri u għal miżuri biex jiġi żgurat li s-sistemi algoritmiċi jappoġġjaw id-demokrazija, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-bniedem;

Emenda 81

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	39a. Jappella lill-UE tintegra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-istrumenti esterni rilevanti kollha tad-drittijiet tal-bniedem, tinkludi valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-ġeneri fl-ipprogrammar, u tikkonsulta b'mod sistematiku lill-organizzazzjonijiet tan-nisa u lill-gruppi

	fil-livelli lokali meta tfassal u tevalwa proġetti u djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem;

Emenda 82

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	39b. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jkomplu jappoġġjaw lin-nisa fl-Afganistan permezz ta' proġetti mmirati orjentati lejn in-nisa; jistieden lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lis-SEAE jkomplu jiffinanzjaw lill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa li tilfu l-aċċess għall-finanzjament wara li reġgħet iddaħħlet ir-Regola tal-Global Gag;

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Il-President fil-kapaċità tagħha bħala rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li fir-rapport tagħha ma inkludietx kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	5.11.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 –: 12 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Irmhild Boßdorf, Margarita de la Pisa Carrión, Elisabeth Dieringer, Rosa Estaràs Ferragut, Viktória Ferenc, Heléne Fritzon, Lina Gálvez, Alexandra Geese, Fernand Kartheiser, Arba Kokalari, Ewa Kopacz, Elena Kountoura, Sebastian Kruis, Judita Laššáková, Eleonora Meleti, Irene Montero, Alessandra Moretti, Maria Noichl, Mirosława Nykiel, Sirpa Pietikäinen, Giusi Princi, Benedetta Scuderi, Laurence Trochu, Anders Vistisen, Maria Walsh, Dainius Žalimas
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Raquel García Hermida-Van Der Walle, Hanna Gedin, Elisabeth Grossmann, Maria Guzenina, Cecilia Strada, Anna Strolenberg
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Paolo Inselvini, Miriam Lexmann, Jorge Martín Frías, Matjaž Nemec

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

24	+
PPE	Arba Kokalari, Ewa Kopacz, Eleonora Meleti, Mirosława Nykiel, Sirpa Pietikäinen, Giusi Princi, Maria Walsh
Renew	Abir Al-Sahlani, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Dainius Žalimas
S&D	Heléne Fritzon, Lina Gálvez, Elisabeth Grossmann, Maria Guzenina, Alessandra Moretti, Matjaž Nemec, Maria Noichl, Cecilia Strada
The Left	Hanna Gedin, Elena Kountoura, Irene Montero
Verts/ALE	Alexandra Geese, Benedetta Scuderi, Anna Strolenberg

12	-
ECR	Paolo Inselvini, Laurence Trochu
ESN	Irmhild Boßdorf
NI	Fernand Kartheiser, Judita Laššáková
PPE	Miriam Lexmann
PfE	Elisabeth Dieringer, Viktória Ferenc, Sebastian Kruis, Jorge Martín Frías, Margarita de la Pisa Carrión, Anders Vistisen

1	0
PPE	Rosa Estaràs Ferragut

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni